# Il-Ħuttafa

numru 123

Lulju - Awwissu 2014



**Fras-servjent**
**u l-ferħ tiegħu**

€2 għal min mhux membru

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Alex Casha

F'Awwissu l-frott tal-**Ħarrub** isir. Mill-frott hawn min jagħmel il-ġulepp, xarba għal kontra s-sogħla

# Ħbieb Ħuttaf...

## editorjal

In-natura m'għandhiex kwiet. Kull waqt u kull ħin x'imkien hemm annimal imqajjem ifittex l-ikel jew għaddej għall-affari tiegħu. Speċjalment fis-sajf.

Fl-iljieli sajfin ikun hemm ħafna attività fin-natura. Wieħed mill-annimali li joħorġu bil-lejl huwa l-farfett il-lejl. Ismu miegħu hux!

Jien nitħassarhom ftit il-friefet il-lejl għax m'għandhom fama tajba man-nies. Ħafna jaħsbu li l-friefet il-lejl jixorbu d-demm, u Dracula u mhux Dracula. *Veru* li jeżistu friefet il-lejl żgħar li jixorbu d-demm (eż. Common Vampire Bat *Desmodus rotundus*) imma dawn jgħixu l-Amerka t'Isfel u żgur mhux se joqogħdu jiġu Malta biex ibattlulna l-vini! Biża' bla sens.

Il-friefet il-lejl li naraw Malta kollha insetti jieklu. U peress li ħafna insetti huma żgħar, il-farfett il-lejl iridu jieklu ħafna biex jimlew żaqqhom. F'lejl wieħed il-pipistrell wieħed jiekol mal-2000 nemusa u baħrija, u anke iktar. Mhux ta' b'xejn li l-friefet il-lejl meqjusin ta' ġid. Fil-fatt il-friefet il-lejl f'Malta huma mħarsin bil-liġi.

Bi nhar il-friefet il-lejl jorqdu f'għerien jew xquq f'bini u ħitan. Kif tinżel ix-xemx iqumu u joħorġu jfittxu l-ikel. Xi friefet il-lejl tgħallmu li d-dwal tal-lampi jiġbdu l-baħrijiet, għalhekk spiss tara pipistrelli jagħqdu madwar il-lampi tat-toroq jixkumaw kull insett li jitfaċċa. Jekk hemm lampa fit-triq tagħkom iċċekkjawha waħda l-lejla forsi taraw farfett il-lejl ifittex il-kolazzjon. Qis li ma tkunux f'periklu, eh. Qed ngħid għall-periklu mill-karozzi, mhux mill-friefet il-lejl. ;)

Jekk għada tqumu u fil-mera taraw ponta ħamra f'għonqkom twaħħlux fil-friefet il-lejl, imma f'xi nemusa li daħlitilkom fil-kamra nkiss inkiss!

Ċaw ċaw ħbieb u komplu gawdu s-sajf u l-vaganzi.

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur




Victor Falzon

## Mal-faċċata



Il-**Fras-servjent** (Black-winged Stilt) s'issa bejjet tliet snin kważi in fila f'pajjiżna. Għadu kmieni biex ngħidu hux ħa jsir wieħed mill-*breeding birds* regolari. Forsi l-ferħ f'dar-ritratt għad jiġi lura sena sentejn oħra, u jbejjet hu wkoll. Aħna żgur mhux ħa ngħidulu le!

Ritratt ta' Aron Tanti

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Is-Sarsella Ħamra | 3 |
| Ambjenti u Residenti | 4-5 |
| Avviżi | 6 |
| Intervista mal-Faqqus | 6 |
| My Baby! | 7 |
| Arti u Ritratti | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Xi sssstorbju! | 9 |
| L-Għadira u Madwarha | 10-11 |


## il-Kumitati

### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Nicholas Galea • Timothy Micallef

## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru u s-sħubija hija €7 fis-sena.

BirdLife MALTA

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052


©BirdLife Malta, Awwissu 2014

Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop



# Familja fuq travu

F'dar-ritratt ħelu li ħa l-ħabib tagħna Joe Sultana naraw Ħuttafa titma' lill-familja tagħha. Il-Ħuttaf dejjem jibni l-bejta x'imkien insaqqaf, u kif taraw dil-bejta nbniet fuq travu ma' saqaf. Il-post huwa bini qadim... fir-Rabat f'Għawdex. Hekk hu, din hija familja Ħuttaf Għawdxin li faqqsu ftit ġimgħat ilu.

### Kun af iktar

Sa ftit snin ilu l-Ħuttaf (Barn Swallow) ma kienx ibejjet regolari f'Malta. Kienet tinsab bejta forsi darba kull 10 snin. Imma mill-2004 'l hawn il-Ħuttaf beda jbejjet kull sena, dejjem f'numri żgħar. Meta l-frieħ jikbru u jitgħallmu jtiru, il-Ħuttaf ipassi lejn l-Afrika Ċentrali fejn jgħaddu x-xitwa fil-kumpanija tal-ġiraffi u l-iljunfanti!

# U issa fis-Simar ukoll...



Il-bejta tal-Fras-Servjenti fis-Simar

Charles Coleiro




Wieħed mill-flieles sejjer jesplora!

Charles Coleiro

Wara li bdew ibejtu fir-riserva tal-Għadira, il-Fras-servjent issa għamlu l-istess fir-riserva tas-Simar. F'Ġunju li għadda par Fras-servjenti bnew bejta f'xifer waħda mill-gżejjer żgħar fis-Simar u f'Lulju faqqsu erba' flieles. Dawn issa kibru u ftit ieħor ipassu lejn l-Afrika mal-ġenituri tagħhom.

## X'nista' nara tgħid?

Jason Aloisio

### Sarsella Ħamra *Garganey* *Anas querquedula*



Victor Falzon

Din waħda mill-aktar borok komuni li jidhru f'Malta. Tpassi l-aktar fir-rebbiegħa, meta ġieli jidhru qtajjiet kbar, u terġa' tidher f'numri iżgħar fil-ħarifa. Il-biċċa l-kbira jgħaddu minn fuq il-baħar u ma jersqux lejn l-art. Post tajjeb ħafna biex tarahom huwa ċ-Ċirkewwa. Fis-sajf waħdiet jidhru wkoll fir-riservi tal-Għadira u s-Simar, jew max-xtut. Ir-raġel ikollu rasu u sidru kannella b'faxx abjad li jgħaddi minn fuq għajnejh. Il-bqija ta' ġismu hu taħlita ta' iswed, griż u kannella. Il-mara tkun kannella. Jieklu ħaxix u insetti li jiġbru l-aktar minn wiċċ l-ilma.

Victor Falzon



Victor Falzon

Komuni imma xorta speċjali, il-**Granċ tax-Xatt** kapaċi jgħix barra mill-ilma kif ukoll taħt wiċċ il-baħar. Spiss jimxi laġenba huwa u jnaqqar ikel li jsib fix-xatt.

Dil-budakkra għad m'għandhiex isem bil-Malti, għalkemm hija komuni. Bl-Ingliż jgħidulha *Molly Miller*.





Victor Falzon

Hemm ħafna tipi ta' **budakkri**. Ilkoll huma żgħar u ħafna minnhom jgħixu kważi ma' wiċċ l-ilma ġo ħofor żgħar. Fittex max-xatt u żgur issib.



Desirée Falzon

Iċ-**Ċawla** tħobb toqgħod fi gruppi kbar. Tiekol [1]plankton u toqgħod f'kurrenti fejn issib ħafna ikel. Meta jersaq [2]predatur, iċ-Ċawl jogħdos jistaħba.



Victor Falzon

Kieku r-**rizzi** ma kellhomx dik il-kisja xewk, ħafna predaturi jikluhom għax minn ġewwa huma rotob. Ir-rizzi jimxu u jqaxxru l-alka minn mal-blat.

L-**Artikla Ħadra** qisha pjanta imma fil-fatt hija annimal. Tiekol ħut żgħir li taqbad bit-tentakli velenużi mdawrin ma' ħalqha.



Victor Falzon



Victor Falzon

Il-**Burqax** spiss tarah wieqaf quddiem xi ħofra fil-blat, qisu jistenna xi ħaġa. Fil-fatt ikun għassa ma' xi qarnita biex ilaqqat il-fdalijiet tal-ikel li tkun qabdet!

Ambjenti u Residenti

# Baħar max-Xatt

Desirée Falzon



Desirée Falzon

Il-**Lhudi** huwa l-iktar ħuta kkulurita ta' xtutna, donnu ħuta tropikali tal-akwarjum. Il-Lhudi jitwieled mara u wara xi snin... isir raġel!

L-**algi** huma l-pjanti tal-baħar u bħall-pjanti tal-art huma importanti immens għax l-ikel ta' ħafna annimali. Ir-ritratt juri alga żgħira jisimha **Aċetabularja**.




Victor Falzon






Mark Anthony Falzon

Il-**Qarnita** annimal intelliġenti li taf tistaħba f'sekondi billi titħaxken f'toqob żgħar fil-blat u tqabbel il-kuluri tagħha mal-ambjent. Tiekol l-iktar arzell u granċijiet.

Il-baħar fih ħafna ħabitati u l-iktar wieħed li nafu bih huwa s'intendi l-baħar baxx li jmiss max-xtut. Peress li huwa baxx u mdawwal, faċli tinżel tesplora fih. B'xorti tajba ħafna annimali u pjanti jħobbu wkoll dan l-ambjent u għalhekk il-baħar baxx madwar il-Gżejjer Maltin fih ħafna x'tara. Il-baħar ta' max-xtut imissu jsir kollu protett, bħar-Ramla tal-Mixquqa fejn ittieħed dar-ritratt. B'hekk il-ħajja ta' ġo fih tibqa' sinjura u b'saħħitha.

Ir-Ramla tal-Mixquqa ħafna nies jafuha bħala Golden Bay, f'Għajn Tuffieħa.

L-**isponoż** huma annimali, għalkemm ma jiċċaqalqux minn posthom mal-blat. Jieklu plankton li jsaffu mill-ilma li jgħaddi minn ġo fihom.



Desirée Falzon

[1]**plankton.** Pjanti u annimali mikroskopiċi li jgħumu mal-kurrenti tal-baħar.
[2]**predatur.** Annimal li jaqbad u jiekol annimali oħrajn.



Aron Tanti

Waħda mix-xeni li gawdew il-membri li ġew il-ħarġa bil-lanċa f'Lulju li għadda. Dan huwa grupp ta' Ċief jistrieħ u jittajjar f'wiċċ il-baħar. Ftit ftit qed jersaq lejn is-sies għoli ta' Ta' Ċenċ (f'Għawdex), li jidher fl-isfond tar-ritratt. Hemmhekk dawn iċ-Ċief għandhom l-bejta u qed jistennew id-dlam biex imorru fiha.






Aron Tanti

Ftakar! Jekk *iġġedded is-sħubija tiegħek fi Klabb Ħuttaf (jew tidħol membru jekk għadek m'intix), nibagħtulek dan il-ktieb. Fih 40 paġna kollha stampi ta' pjanti u annimali Maltin lesti biex tagħtihom il-kulur.




*Din l-offerta tgħodd darba.



Desirée Falzon

Din hija n-nannakola li tgħix fuq il-Faqqus il-Ħmir. Jgħidulha Nannakola tal-Faqqus, bl-Ingliż *Gourd Ladybird*.



Victor Falzon

Dawn il-blalen sufin huma l-frott tal-Faqqus il-Ħmir. Fihom jinġema' ilma u żerriegħa taħt pressa, tant li kif xi ħadd imisshom, jew iċaqlaqhom ir-riħ... SPAFF! jisparaw 'il barra!

# Intervista ma' Fjura



Victor Falzon

Faqqus il-Ħmir
Squirting Cucumber

**Bonġu, Faqqusa. X'għandna?**
Fjuri u nannakoli.

**Isma', dan kif għadek bil-fjuri? Għaliex? Kontra l-liġi?**

**Għax rajtek f'Marzu u kont diġà mimlija fjuri!**
Eh ħijjos, jien nagħmel fjuri kważi s-sena kollha.

**Prosit eh. Isma', semmejtli n-nannakoli. X'ridt tgħid biha?**
Għax jiena fuqi tgħix tip ta' nannakola oranġjo.




**Iva ara, qed nara tnejn. Żomm, hemm iktar. Erbgħa... sitta...**
Ħeħe, għandi kemm trid.

**U dawn il-blalen strambi ħodor x'inhuma?**
Dak il-frott tiegħi. Aħjar ma tmisshomx għax...




**Aaahhhh! Kif inħsilt! X'ġara?**
Għax meta l-blalen ikunu saru, kif tmisshom jisparaw raxx ilma mimli żerriegħa. Dak li laqtek, u mnalla ma ġewx f'għajnejk.

**Prosit eh. Kollok sorpriżi int!**
Skużani, imma tinsiex, aħna l-pjanti ma nimxux bħalkom. Biex inxerrdu ż-żerriegħa rridu dejjem insibu xi trikk.

**Kos veru. Imma issa ħa jkolli nħallik. Saħħa Faqqusa.**
Saħħa lilek.

# My BABY!

Fir-ritratti l-kbar hemm sitt frieħ ta' għasafar u fir-ritratti ż-żgħar hemm il-ġenituri tagħhom. Qabbilhom u ikteb l-isem fil-vojt.



Victor Falzon

A.



1 Blonġun Żgħir



2 Gawwija Prima



Denis Cachia

D.



Joe Sultana

B.



3 Kanġu ta' Filfla



4 Monakella



Aron Tanti

E.

F'Malta għandna biss xi 20 speċi ta' għasafar li jbejtu regolari kull sena. Dawn 6 minnhom, għalkemm il-Blonġun Żgħir milux ħafna snin li beda.



5 Gallozz Iswed

Tweġibiet f'paġna 8



Raymond Galea

Ċ.



6 Tal-Bejt



John J Borg

F.

Ir-ritratti żgħar huma ta' Aron Tanti (1,2,5), Hadoram Shirihai (3), Denis Cachia (4), u Victor Falzon (6).

arti

# Agħtih kulur

## Monakella
### Little Ringed Plover



Victor Falzon




Ibagħtulna tpinġijiet u ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kkultivati) ħa nġibuhom f'dil-paġna. Basta jkunu veru tagħkom. Ibagħtuhom imejl jew bil-posta*.

**imejl** il-huttafa@birdlifemalta.org

**indirizz** BirdLife Malta
57/28 Triq Abate Rigord
Ta' Xbiex XBX 1120

*Materjal li tibagħtu bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuh lura.

Mela, il-frieħ u l-ġenituri ta' paġna 7 kellhom jiġu hekk:
**A=4, B=3, Ċ=1, D=5, E=6, F=2**



Ġurat tar-Raba'
Francesco Tanti (6)

## Itma' 'l min hu bil-ġuħ!



Granċ tax-Xatt u żewġ Budakkri tal-Għalla fil-kju għal farka ħobż!

Victor Falzon




L-Orsijiet Bojod jgħixu fil-wesgħat tal-artiku. Biex jikkaċċjaw u jaqbdu l-ikel għandhom bżonn baħar bil-wiċċ iffriżat ħalli jimxu fuqu. Imma bil-*global warming* dan is-silġ qed jinħall u l-Orsijiet Bojod mhux qed ikunu jistgħu jivvjaġġaw. U qed jibdew imutu bil-ġuħ.



## Ħbieb Falkuni

Qegħdin fl-eqqel tas-sajf u s-sħana malajr tħajjarna mmorru l-baħar u xi passiġġata filgħaxija.

Bħal daż-żmien il-passa ma tkunx fl-aqwa tagħha, però xi speċi diġà bdew ipassu mill-Gżejjer tagħna. Fost l-aktar evidenti huma l-Bufula Passajra (Subalpine Warbler) u l-Bekkafik (Garden Warbler).

Fi ftit ġranet oħra ħafna speċi ta' għasafar jibdew jidhru u għalhekk nistidnukom tiġu tqattgħu ftit sigħat magħna l-Buskett, speċjalment meta ma jkunx riħ, matul ix-xahar ta' Settembru. Sibu xi wara nofsinhar u ejjew għaddu ftit ħin magħna l-berdwoċers f'wieħed mill-aħjar postijiet għall-osservazzjoni tal-għasafar tal-priża.

Tistgħu wkoll tgħinu lill-BirdLife fir-Raptor Camp u tagħtu sehem fix-xogħol volontarju għall-ħarsien tal-għasafar tal-passa. Idħlu waħda fil-websajt tagħna **www.birdlifemalta.org** għal aktar informazzjoni.

Narakom.

*Tim*



**Timothy Micallef**
Kordinatur Falko

## Settembru għal tal-Priża



**Seqer tal-Ħannieqa**
Hobby

Aron Tanti

Matul Settembru kollu, membri tal-BirdLife u tal-Falko jkunu l-Buskett josservaw il-passa tat-tajr tal-priża. Jekk tixtiequ tingħaqdu magħna ikkuntattjawna. Narawkom.

## Saħħa u awguri



Falko u Klabb Ħuttaf jgħidu grazzi kbira lil **Martin Austad**, **Ann-Marie Austad** u **Francesca Bajada**, tliet Leaders Falko li issa marru jkomplu l-istudji tagħhom fin-Norveġja u li għalhekk kellhom iħallu x-xogħol tal-BirdLife u tal-Falko. Nawgurawlhom suċċess u nittamaw li xi darba nerġgħu narawhom.

Sibna fuq **Facebook** (fittex **Falko BirdLife Malta**)
Ittawlilha spiss għal iżjed tagħrif fuq l-attivitajiet.

**Dejjem** infurmana jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko. Ċempel lil Tim (**79071796**) **jew** lil Nick (**99809190**) **jew** ibgħat imejl lil **falkoblm@gmail.com** **jew** ħallilna messaġġ fuq **Facebook**.



# Xi sssssSSssssstorbju!



Desirée Falzon

Inlaqqgħukom maċ-**Ċikada**,
l-iktar insett storbjuż tad-dinja!

Iċ-Ċikada jgħidulha wkoll Werżieq ta' Binhar, Żarżur jew Żerżur, bl-Ingliż *Cicada*. Hija waħda mill-ħsejjes li nisimgħu fis-sajf, u jekk tibda żżarżar malajr nindunaw li hemm waħda viċin. Imma mhux dejjem faċli ssibha speċjalment jekk tkun qiegħda f'siġra, għax jekk tersaq lejha malajr titfi l-volum! Imma tħobb toqgħod ukoll mal-ħitan tad-djar, u hemmhekk malajr taraha għax tkun qisha dubbiena enormi. Però ċ-Ċikada mhix mir-razza tad-dubbien imma minn familja kbira ta' insetti li bl-Ingliż jgħidulhom *bugs*.

Iċ-Ċikada tgħaddi snin sħaħ tgħix taħt l-art bħala larva. Imbagħad jiġi sajf minnhom u toħroġ bil-lest biex tinbidel f'adult. U jibda l-istorbju! Ir-raġel biss iżarżar, u l-ħoss ma jagħmlux b'ħalqu imma taħt sidru għandu parti mill-qoxra li tfaqqa' qisha tapp. Dan l-istorbju jagħmlu biex jekk ikun hemm Ċikada mara fl-inħawi forsi tiffansjah!

Wara sajf iżarżru u jinnamraw, iċ-Ċikadi jmutu, imma mhux qabel man-nisa jkunu biedu partita bajd. B'hekk ikunu ħasbu għall-kunċerti tas-snin ta' wara!



Aron Tanti

Victor Falzon

# L-Għadira u madwarha

F'*Il-Ħuttafa* spiss insemmu r-riserva naturali tal-Għadira, għax hija post li l-BirdLife tieħu ħsiebu għall-ambjenti rari li fih u għan-natura li nsibu fih. Imma meta nitkellmu fuq is-Sit Natura 2000 tal-Għadira, dan jinkludi mhux biss ir-riserva naturali imma biċċa art kbira madwarha.

## Ħafna ambjenti

Fis-Sit Natura 2000 tal-Għadira nsibu diversi ambjenti naturali, uħud komuni u oħrajn rari ħafna. Fost l-ambjenti komuni nsibu r-**raba' maħdum** (numru 1 fil-mappa), l-aktar fil-wied bejn l-Għolja tal-Marfa u għolja baxxa jgħidulha L-Bisqra. Hemm ukoll ħafna art **steppa** 2 li darba kienet art maħduma imma li llum mitluqa u mimlija pjanti selvaġġi. Fost l-ambjenti rari hemm il-**bur salmastru** (*saltmarsh*) u l-**għadira mielħa** fir-riserva naturali 3. Fir-riserva hemm ukoll biċċa art li darba kienet **għaram tar-ramel** (*sand dunes*) 4 imma li nbidlet meta nbniet it-triq tax-xatt u anke għax kienet tħawlet bis-siġar. Mhux bogħod hemm Il-Ħofra ż-Żgħira 5, bur salmastru ieħor b'għadira żgħira li però tinxef fis-sajf. U s'intendi hemm ix-**xatt ramli** 6 tant popolari ma' eluf ta' Maltin u turisti. Imma hemm ukoll anke biċċa **xatt ġebli** 7.

Mal-ġenb tal-Għolja tal-Marfa hemm Foresta 2000, medda kbira ta' art li fiha qed jikbru rqajja' ta' **bosk** 8 u **makkja** 9. Ambjent ieħor importanti huwa x-**xagħri** 10, li minnu hemm roqgħa sabiħa fuq l-għolja tal-Biskra, u anke fil-wileġ tal-Għolja tal-Marfa.




**Fejn qiegħda?**

L-Għadira qiegħda fit-tramuntana ta' Malta. Jekk Malta għandha forma ta' ħuta, l-Għadira tiġi eżatt fil-parti dejqa qabel jibda d-denb!



Victor Falzon

X'inhu wileġ?

Il-ġenb ta' għolja

## Ħafna natura

Kull ambjent huwa speċjali għax fih natura differenti. Fix-xagħri jikbru għexieren ta' pjanti, fosthom is-**Sagħtar** u t-**Tengħud ta' Malta** (pjanta [1]endemika). Fix-xagħri t'hawn tikber ukoll l-**Orkida Kbira**, fjura rarissma f'Malta, u fil-passa dejjem titfaċċa xi **Kuda** qalb il-blat.

Fl-isteppa jikbru diversi tipi ta' ħaxix u anke pjanti bil-basla bħan-**Narċis**. Dan l-ambjent huwa favorit ma' xi speċi ta' ġurati, fosthom il-**Ġurat Rasu Twila** li jħobb jgħix qalb it-trofof

# Postijiet protetti għall-valur naturali tagħhom Natura 2000




tal-**Ħalfa**, ħaxixa tal-isteppa tat-tafal. U fuq il-fjuri tal-**Qaqoċċ tax-Xewk** jinżel il-**Qerd iż-Żaqquq**.

Fir-riserva tal-Għadira jikbru pjanti li jifilħu għall-imluħa tal-ilma, bħall-**Bruka** u x-**Xorbett**. Jinżlu wkoll ħafna għasafar li jħobbu l-ilma, bħal **irsieset**, **borok** u **blonġuni**, **glalez** u **pispisell**, kultant xi **Fjamingu** wkoll – mhux ta' b'xejn il-post mgħasses lejl u nhar! Hemm ukoll rettili bħax-**Xaħmet l-Art,** li jħobb art ramlija, u mammiferi bħall-**Fenek Selvaġġ**, li l-art ratba u ramlija jsibha komda biex iħaffer il-bejtiet tiegħu. U **friefet il-lejl** għan-**nemus**.

Fis-siġar mal-Għolja tal-Marfa jinżlu l-**Gamiem tal-Kullar**, fid-**Deru** tbejjet il-**Bufula Sewda** u fil-ħarifa jixxalaw il-**Pitirrossi** u l-**Isturnell** fuq il-frott taż-**Żagħrun**.

Anke l-ambjent tar-raba' importanti għan-natura, speċjalment għal fjuri bħall-**Peprin Aħmar**, ħafna **friefet**, u għasafar bħall-**Bilbla** u d-**Durrajsa**, żewġ speċi li saru rari f'dawn l-aħħar 30 sena.

Kif taraw, il-lista hija twila. Bi ftit attenzjoni u inqas tfixkil mill-bniedem, il-lista tista' tkun ħafna itwal.

## Ħafna x'ifixkel

Minħabba r-ramla kbira u l-baħar baxx, fil-Bajja tal-Mellieħa jiġu jgħumu eluf ta' nies kull sena. U s'intendi biex jaqdu lil dawn il-folol kbar tfaċċaw matul is-snin lukandi, apartamenti, ristoranti, gabbani u raħal sħiħ ta' gabubi ħodor (u kontra l-liġi!). Dawn iġibu magħhom ħafna skart u tniġġis, dwal u storbu bil-lejl, u tħarbit u tfixkil ta' ħabitati.

Nisperaw li bħala Sit Natura 2000 dal-post jitħares minn iktar żvilupp ħalli ma jkomplix jitlef teżori naturali.

Ray Galea



**Orkida Kbira** Giant Orchid
*Barlia robertiana*

Victor Falzon



**Fjamingu** Greater Flamingo
*Phoenicopterus roseus*

Victor Falzon



**Qerd iż-Żaqquq** Large Yellow-banded Scolid Wasp
*Megascolia flavifrons*

[1]**endemika.** Speċi li tinsab biss f'pajjiż jew reġjun wieħed.




# aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'. Tingħata karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont tiegħek. Ġenituri, nanniet, tuturi jew rappreżentanti legali jistgħu jiftħu dan il-kont biex iġemmgħu għal tfal żgħar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq Żekkarja, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta